# L-ISLA ... U KUNJOMIJIET

Darba kien hemm wieħed li kiteb f'ġurnal lokali, li l-aktar pajjiż f'Malta li kien juri kunjomijiet barranin fost il-popolazzjoni tiegħu, kien Tas-Sliema. Jiena naħseb li proporzjonalment, dak il-pajjiż, b'aktar kunjomijiet barranin huwa l-Isla. Issa, forsi minħabba l-1979, dawn bilfors jonqsu, iżda darba kien hawn ukoll il-konnessjoni Taljana, jew forsi wieħed igħid il-konnessjoni Naplitana, kif nuru 'l quddiem.

Biss hemm ukoll il-konnessjoni Awsterika tas-seklu ta' qabilna. Meta darba mir-radju kont għidt li imkien daqs fl-Isla ma ssib kunjomijiet Awstrijaċi-Jugoslavi, kienu ħafna li kitbuli, u qablu miegħi, u forsi fakkruni ukoll f'xi kunjomijiet oħra li ma semmejtx.

Dawn il-kunjomijiet jintgħarfu minhabba li jispiċċaw kollha bl-**ic**. Robinich u Endrich u Visanich, iżda, iżidu l-**h** fl-aħħar, iżda jibqgħu jidhru li huma ta' l-istess oriġini. Kellna Antoncic, Saninic, Domancic, u Pericic, li għal xi raġuni, minnu kienet inqatgħet iċ-**c** aħħarija. Il-famuż patrijotta Giorgio Mitrovich, ġieli sibnih imniżżel bħala Mitrovic ukoll.

Jidhrilna li mkien f'Malta ma hawn konċentrazzjoni ta' kunjomijiet Awstrijaċi bħal ma hemm fl-Isla. Jingħad li dawn kienu kawża li bosta kaptani ta' skejjen Awstrijaċi kienu jiżżewġu Maltin, anzi Sengleani, u darba smajna ukoll li l-post favorit tagħhom kien Triq San Filippu, fuq ix-xaqliba tas-Sur.

Imbagħad naslu għall-konnessjoni Taljana. Fiż-żmien, in-Navy Ingliża kienet tingaġġa mużiċisti Taljani, l-iżjed Naplitani, biex jiffurmaw l-orkestri u baned ta' abbord. Dawn ġew rimpjazzati mir-Royal Marines. Kif nafu, in-Navy Ingliza kienet timla l-port tagħna għal żminijiet twal, u bosta minn dawn il-mużiċisti kien ikollhom ħinijiet twal l-art. U bosta minnhom iżżewġu hawn Malta u ffurmaw familji hawnhekk.

U nsibu allura l-kunjomijiet tagħhom: Mazzola, Gelfo, De Marco, De Marija, Scolaro, De Pasquale, Capace, Venturi, Esposito, Parisi, Saffrette. Dawn jidhirli kellhom il-konnessjoni mużikali li semmejna, iżda hemm kunjomijiet oħra, Taljani, li ma kellhomx.

Għax tiltaqa ma kunjomijiet bħal Mea, Jaccarini, Imbroll, Glavina, Costanzi, Bonanno, li l-konnessjoni tagħhom ilha ġejja minn bosta snin qabel.

U naslu għall-konnessjoni Ingliża: fi kważi 180 sena b'dik ir-relazzjoni tant qrib ma' l-Ingliża, bilfors li għandek issib taħlit fir-razez. U naraw li jibqgħu neżlin lejna l-kunjomijiet. Meta kont tara l-formazzjoni ta' team, kemm tal-futbol u kemm tal-water polo fl-Isla, bilfors kont tiltaqa' ma kunjom jew iżjed Ingliżi.

U mbagħad fil-lista elettorali tibqa tara Bailey, Sladden, Smith, Clinch, Warrington, Jenkinson, Gilford, Gillard, Melbourne, Wyatt, u oħrajn.

Insomma, fi tfuliti, kellek **cocktail** tajjeb ta' kunjomijiet f'lista ta' ismijiet ħierġa mill-Isla. U fejn naf, meta ssib Fiorini, Selvatico, Gerardi, Soler, Vidal, Restall, Iles, Levanzin, Benedetti, Lubrano, Briccio, Gambin, Lisano, Andrews, Glanville, Boxell, Glenday, Crastiano, Bonanno, Manduca, Boldarini, Weeks, Martinelli, Simpson, Rowe, Casalletto, Jones u tant oħrajn. U Clews!

Xi trid iżjed, meta għandek kunjomijiet Taljani, Ingliżi, anke Spanjoli, imhalltin imbagħad ma' kunjomijiet li jidhru purament Maltin bħal Mejlaq, Seisun, Borg, Xerri. Fejn issibu cocktail bħal dak?

**INTERESSANTI**

Fit-8 ta' Mejju, 1887, mitt sena ilu, il-Malta Times kellha din il-biċċa nteressanti dwar it-Teatru Rjal:

"Nhar il-Ħadd filgħaxija, Mr. Malfiggiani (l-impresarju tat-Teatru Rjal) ta' rappreżentazzjoni bil-Malti, il-biċċa kienet **Caterine Desguanez** ta' F. Meli. Ir-rappreżentazzjoni kienet abbilment esegwita mill-magħruf kumpanija "La Pace" ta' l-Isla.

"Ma rridux nonqsu li nsemmu isem is-Sinjorina Carmela Borg li ħadmet il-parti titulari (ta' Caterine Desguanez) b'manjiera li qanqlet applawsi twal u spissi f'kull okażjoni li fihom kantat.

"Naturalment il-ħila tas-Sur C. Fleri, li ħadem il-parti ta' Toni Bajada hija magħrufa wisq biex tinħtieġ it-tifħir tagħna. Aħna nittamaw biss li Signor Malfiggiani jaqta' x-xewqa ġenerali għal xi reċti oħra esegwiti mill-kumpanija "La Pace". (minn The Times, 8 ta' Mejju, 1997 fir-rubrika "A Century Age").

*Charles Clews*